DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 63/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 47/2008 tal-25 ta' April 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1323/2007 tat-12 ta' Novembru 2007 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għal iffissar ta' limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali, fir-rigward ta' firocoxib ([2]) għandu jkun integrat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2007 ta' l-20 ta' Novembru 2007 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għal iffissar ta' limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali, fir-rigward ta' Monensin, Lasaloċidu u Tylvalosin ([3]) għandu jkun integrat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 14 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90) tal-Kapitolu XIII ta' l-Anness II li hemm mal-Ftehim:

"— **32007 R 1323**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1323/2007 tat-12 ta' Novembru 2007 (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 11),

— **32007 R 1353**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2007 ta' l-20 ta' Novembru 2007 (ĠU L 303, 21.11.2007, p. 6)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 1323/2007 u 1353/2007 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 42.
([2]) ĠU L 294, 13.11.2007, p. 11.
([3]) ĠU L 303, 21.11.2007, p. 6.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER